## 21 ta' Novembru, 1958

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Victor F. Denaro ne.

*versus*

Joseph Rossignaud et. ne.

**Lokazzjoni — Rekwiżizzjoni.**

*Jekk is-sid ta' dar rekwiżizzjonata, interpellat b'ittra uffiċjali biex jirrikonoxxi bħala inkwilin tiegħu lill-persuna li lilha jkun ġie allokat mill-Housing Commissioner il-fond rekwiżizzjonat, jonqos milli jirrikorri lejn il-Qorti biex jiġi awtorizzat ma joqgħodx għal dak l-ordni, bid-dekorrenza stess ta' tletin ġurnata mogħtija lilu biex jagħmel dik il-proċedura huwa jiġi jirrikonoxxi lil dik il-persuna bħala inkwilin tal-fond; u bejnu u dik il-persuna jinħolqu rapporti ta' vera u proprja lokazzjoni, u kwindi jiġi eliminat kull rapport tal-awtorità rekwiżizzjonanti mal-allokatarju tal-fond rekwiżizzjonat.*

*Din il-proċedura hi neċessarja, biex ir-rekwiżizzjonat jopponi l-ordni lilu dirett biex jirrikonoxxi l-allokatarju tal-fond rekwiżizzjonat; u mhux biżżejjed li hu jopponi ruħu għal dan ir-rikonoxximent b'ittra, sija pure uffiċjali; għax din ma tistax tissupplixxi għall-proċedura lilu espressament imposta mill-liġi.*

*Fil-każ preżenti, il-Gvern kien irrekwiżizzjona fond u allokah lid-Dipartiment tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Servizzi Soċjali.*

*Ir-sid rekwiżizzjonat oppona ruħu b'ittra biss għall-ordni tal-Gvern lilu magħmul b'ittra uffiċjali biex jirrikonoxxi l'l dak id-Dipartiment bħala inkwilin tiegħu. Ftit wara, irriżenja l-Ministru li taħt id-direzzjoni tiegħu kien jinsab dak id-Dipartiment, u sid il-fond rekwiżizzjonat ippretenda illi l-fond kien qiegħed jiġi okkupat mid-Dipartiment bla titolu għax minħabba dik ir-riżenja ma kienx hemm aktar awtorità li tista' żżomm il-fond b'rekwiżizzjoni. Imma l-Qorti qatgħet illi d-Dipartiment kellu titolu legali ta' lokazzjoni fuq il-fond, billi s-sid ma kienx għamel il-proċedura fuq imsemmija fi żmien tletin ġurnata minn meta ġie nterpellat bl-ittra uffiċjali biex jirrikonoxxi l-allokazzjoni magħmula tal-fond rekwiżizzjonat, avvolja kien oppona ruħu b'ittra għall-istess allokazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ne., wara li ppremetta illi in forza tal-Housing Act, 1949, il-konvenut Wilfred Podestà, bħala Delegat tal-Ministru tax-Xogħolijiet u Rikostruzzjoni, irrekwiżizzjona l-fond numru 11 Kingsway, Valletta, ġa magħruf bħala "Westminstel Hotel"; u illi mill-aċċettazzjoni tar-riżenja tal-Ministru tax-Xogħolijiet u Rikostruzzjoni ma għadx baqa' awtorità li tista' tiddetjeni fondi rekwiżizzjonati mill-Ministru speċifikat minn liġi speċjali, jew mid-Delegat tiegħu; talab li din il-Qorti taqta' u tiddeċidi illi r-rekwiżizzjoni tal-25 ta' Jannar 1957, maħruġa lill-attur nomine, li kopja tagħha hija eżibita bħala dok. "A", hija l-lum bla ebda effett legali, u kwindi li l-post qiegħed jiġi detenut mill-Gvern illegalment u bla titolu, u konsegwentement il-konvenuti nomine, jew min minnhom, jiġu kundannati jiżgumbraw u jirrendu liberu a favur tal-attur nomine l-fond fuq imsemmi, u dan għarraġunijiet fuq imsemmija u għal kwalunkwe raġuni valida fil-liġi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat il-verbal tat-23 ta' Ottubru 1958 (fol. 21), fejn id-difensuri qablu illi qabel xejn jiġi deċiż il-punt jekk il-konvenut Rossignaud nomine jinsabx jew le f'relazzjoni ġuridika mal-attur, mhux bħala allokatarju taħt rekwiżizzjoni, imma bħala inkwilin;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat, dwar il-punt fuq verbalizzat;*

Illi ma hemmx kontestazzjoni li l-fond "de quo" ġie rekwiżizzjonat mill-konvenut Podestà nomine u sussegwentement okkupat mid-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Servizzi Soċjali, rappreżentat fil-kawża mill-konvenut Joseph Rossignaud. Lanqas huwa kontestat illi, *in segwitu* għall-interpellazzjoni uffiċjali tal-1 ta' Frar 1957 (fol. 11), l-attur ma għamelx quddiem din il-Qorti l-proċedura skond l-art. 8 *tal-Att II* tal-1949, biex jiġi awtorizzat ma joqgħodx għal dik *l-interpellazzjoni*, għalkemm *huwa*, b'*ittra tal-4* tal-istess xahar (fol. 15), għarraf lill-Ministru kompetenti li ma kienx f'pożizzjoni li jirrikonoxxi lill-allokatarju tal-fond, "biex ma jiġux preġudikati d-drittijiet tal-mittenti derivanti mis-sentenza in re "Denaro ne. vs. Onorevoli Emmanuele Tabone ne, et.", deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar 1957";

Illi bit-tieni domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni l-attur qiegħed jitlob *li jiġi deċiż li* l-post qiegħed jiġi detenut mill-Gvern "*illegalment*" u "bla *titolu*", apparti *l-kwistjoni* dwar il-validità u l-effikaċja tar-rekwiżizzjoni, li l-partijiet għal issa ma riedux li tkun investita; jeħtieġ, però, li tkun affrontata l-kwistjoni ġa fuq verbalizzata, jiġifieri jekk il-konvenut Rossignaud nomine jinsabx fil-pożizzjoni ta' inkwilin jew le fil-konfront tal-attur minħabba li dan ma ħasibx jagħmel il-proċedura preskritta fl-art. 8 *fuq riferit;*

Din il-kwistjoni diġà ġiet riżoluta mill-Qrati Tagħna, fis-sens *li*, jekk *ir-rekwiżizzjonat*, notifikat bl-ordni uffiċjali għar-rikonoxximent tal-persuna allokatarja tal-fond, ma jirrikorrix lejn din il-Qorti biex jiġi awtorizzat ma joqgħodx għal dak l-ordni, bid-dekorrenza stess tat-tletin ġurnata mogħtija lilu biex jagħmel dik il-proċedura huwa jiġi jirrikonoxxi lil dik il-persuna bħala inkwilin tal-fond, u bejnu u dik il-persuna jinħolqu rapporti ta' vera u proprja lokazzjoni (Kollez. XXXIII-I-545 u XXXVI-I-238). *Konferma* ta' din l-interpretazzjoni tinsab fl-art. 8(6) tal-liġi fuq ċitata. Di pjù, l-iskop tal-leġislatur kien "the eventual closing down of the Housing *Department*" (ara "Objects and Rea-

sons'' publikati fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Novembru 1948, Supplement paġ. 3219), u kwindi l-eliminazzjoni ta' kull rapport mal-allokatarji tal-fond rekwiżizzjonat;

Illi għal dan, l-attur, fid-dibattitu orali, obbjetta li l-imsemmija proċedura mhix neċessarja meta r-rekwiżizzjonat b'xi mod jirrispondi u jopponi ruħu għall-ordni tar-rikonoxximent, bħal ma għamel huwa jumejn wara n-notifika tal-ittra uffiċjali a fol. 11. Din il-pretensjoni, però, mhix aċċettabbli. Kieku kien kif isostni l-attur, kienet tkun biżżejjed sempliċi ittra anki privata, mingħajr speċifikazzjoni ta' motivi, biex topponi r-rikonoxximent; iżda l-leġislatur impona din il-proċedura (1) għaliex l-interpellazzjoni uffiċjali għar-rikonoxximent tikkostitwixxi "ordni", u mhux sempliċi talba lir-rekwiżizzjonat (art. 8(1) tal-Att fuq ċitat, kif interpretat mill-ġurisprudenza fuq ċitata), u (2) għaliex, biex l-oppożizzjoni għal dak l-ordni tirnexxi, ikun meħtieġ li r-rekwiżizzjonat jipprova illi b'dak ir-rikonoxximent huwa sejjer ibati konsegwenzi koroh. Għalhekk l-ittra, sija pure uffiċjali, oppożitorja tal-attur ma tistax tissupplixxi għall-proċedura lilu espressament imposta mill-liġi. L-ordni fuq imsemmi huwa tant effikaċi, illi, kif ġie ritenut mill-istess ġurisprudenza, lanqas ittra biss tal-istess dipartiment li jkun ħareġ dak l-ordni ma hi biżżejjed biex tinnewtralizza l-effetti tiegħu;

Illi, "rebus sic stantibus", bejn l-attur u l-konvenut Rossignaud nomine nħolqu u jeżistu rapporti ta' vera lokazzjoni, u taħt dan l-aspett huwa qiegħed jiddetjeni l-fond b'titolu legali;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti nomine, billi tiddikjara illi l-konvenut Joseph Rossignaud, bħala rappreżentant tad-Dipartiment tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Servizzi Soċjali, qiegħed jokkupa l-fond fuq imsemmi b'titolu ta' lokazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine;

U tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tal-15 ta' Diċembru 1958, biex titkompla skond il-liġi.